GĦAXAQ

Minuti tal-laqgħa Nru. 20 tal-Kunsill Lokali Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Ħamis 10 ta' Gunju 2010 fis-2.00pm.

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joe M. Abdilla |
| Il-Kunsillieri | Is-Sinjura Rose Agius<br>Is-Sur Angelo Attard<br>Is-Sur Alan Picco |
| Uffiċċjali | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

Aġenda

---

1. Minuti;
2. Tagħrif mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Materji Finanzjarji a) Petty Cash Mejju 2010;

   b) Skeda ta' Ħlas Mejju 2010;

   c) Approvazzjoni tar-Risposta tal-Management Letter.
5. Infurzar tat-Traffiku f'Bir id-Deheb;
6. Tenders - Skips;
7. SkolaSajf;
8. LifeLong Learning Courses;
9. Il-Grawnd;
10. Clerk Part-timer;
11. Suġġerimenti mill-Kunsilliera.

## 1. Minuti

Il-Minuti tas-Seduti Nru 20 ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku staqsa kienx hemm rimarki. Peress li ma kienx hemm rimarki huwa ppropona li jkunu adottati. Issekonda l-Kunsillier Picco.

Il-Kunsill qabel unanimament.

## 2. Tagħrif mill-Minuti

1. Dwar item 2.3 Dwar l-offerta għas-"*Sustainable Energy Action Plan for the locality of Għaxaq*" is-Segretarju qalet li rċeviet risposta dwar it-tenders mingħand il-kumpanija *Econing Engineering Consultancy Ltd*. Din il-kumpanija issuġġeriet li l-aħjar għażla tkun dik ta' *Bajada International Solar System (option B).*

## 3. Korrispondenza li rċieva l-Kunsill:- ( Posta u e-mails):-

1. Fir-rigward ta' Memo 27/2010 il-Kunsill ingħata s-somma ta' € 10,000.
Mid-Dipartiment infurmaw ukoll li nħarġet Ċirkulari 12/2010 mid-Dipartiment tal-Kuntratti sabiex jitwaqqfu kull tip ta' ordnijiet ta' żebgħa li xi Dipartimenti tal-Gvern inkluż Kunsilli Lokali għandhom mingħand S&R Ħandaq Ltd., sakemm jinħareġ avviż ieħor.

Mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali rċevejna Memo 70/2010 dwar Regolamenti dwar is-Servizzi ta' Ġarr tal-Passiġieri.
Memo 71/2010 dwar Pubblikazzjoni ta' Popolazzjoni skond il-Lokalita'.
Memo 73/2010 li titratta Inizjattiva Premju Lokalitajiet Indaf.
Memo 75/2010 dwar Regolamenti ta' l-2002 dwar Attivitajiet li Jeħtieġu Permessi mill-Kunsilli Lokali ( Memos Kiosks).
Memo 78/2010 dwar Sejħa għal Proposti ta' Proġetti taħt il-FEŻR 2007-2013 Immirata għall-Kunsilli Lokali, anness il-formoli tar-registrazzjoni tas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv li ser jattendu għas-Seminar nhar it-Tnejn 14 ta' Gunju 2010.

2. Mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali nfurmaw dwar SEAP ir-rapport tas-SEAP.
Infurmaw dwar il-Proġett ta' l-EU HENCE.
Bagħatulna in-*Newsletter* għax-xahar ta' Mejju'10.
Infurmaw li ser isir Konferenza dwar il-Ġemellaġġi fis-17 u t-18 ta' Ġunju, 2010. Ser tattendi is-Segretarju
Irċevejna dwar il-Laqgħa tas-Sindki li ser issir fl-24 u l-25 ta' Settembru ġewwa Għawdex u d-dokumenti għaliha. Ġie deċiż li jattendi s-Sindku għal din il-laqgħa.

3. Mill-M.E.P.A. rċevejna dwar Applikazzjonijiet Ġodda ta Żvilupp Nru. PA 5337/09 fis-sit Il-Bur ta' Ras il-Wied .
Applikazzjoni Nru. PA 184/10 fi Triq G. D'Arena dwar kostruzzjoni ta' appartamenti, penthouse u garaxx.

Applikazzjonijiet Nru. PA 1993/10 fi Triq St.Marija k/m Triq M. Dimech dwar xi alterazzjonijiet żgħar fil-bini li diġa' hemm.
PA 2095/10 fi Triq G. Scicluna sabiex tinbena maisonette u xi tibdil ieħor.
PA 2164/10 fi plot fi Triq San Ġorġ sabiex jiġi mġedded PA Nru. 2911/01.

4. Mill-OPM infurmaw dwar inizjattivi li saru permezz ta' l-Iskemi li ħarġu dawn l-aħħar sentejn.

5. Mill-MEEF fejn infurmaw li ser isir Konferenza Nazzjonali dwar '*The College – two years on*', li ser tittella' fit-12 ta' Ġunju, 2010, fejn ser jattendi s-Sindku.
Infurmaw ukoll dwar il-*YSSS Scheme*, fejn ġiet mgħoddija lil kull għaqda li hawn fil-lokal.

6. Mill-MTA fejn talbu sabiex jiltaqu mal-Kunsill dwar programmi ta' eskursjonijiet.

7. Mill-MEUSAC fejn għarrfu li ser isir Konferenza dwar *Europe's Common Agricultural Policy – Now and Beyond*- din ser isir fl-14 ta' Ġunju, 2010, u ħa jattendi s-Sindku għaliha.
Infurmaw ukoll dwar is-sejħa ERDF – Energy Call, dwar dan ser isir laqgħa nformattiva fl- 14 ta' Ġunju, 2010, fejn ser jattendu s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv( Memo 78).

10. Mingħand il-WSC fejn infurmaw li r-residenti ta' Triq G. Scicluna, Settembrina, Sparvier, Narċis u Hernandez jistgħu jikkomunikaw is-sistema tad-drenaġġ tagħhom, fejn dawn ġew mgħarrfa.

11. Il-Perit ġab il-pjanta tal-grawnd kif ġiet emendata. Il-Kunsill approva l-pjanta emendata tal-grawnd.

12. Mingħand l-Avukat fejn bagħat il-Bye-Law għar-Reklami fuq Għamara tat-Toroq, fejn hemm ukoll xi suġġerimenti mill-Viċi-Sindku dwar din.

13. L-Għaqda Mużikali San Ġużepp fejn infurmaw eżatt fejn ser jintremaw it-tlett bars li talbu u bagħatu wkoll it-talba li huma għamlu lil *Cleansing Services Dept*. sabiex ikun jistgħu jużaw il-kamra ta' fuq St.Rokku minħabba x'attivitajiet li jorganizzaw hemm hekk.

14. E-mail mingħand Ms Gauci dwar *Summer work placement – free of charge*.

15. Mill-ASKLM dwar Opportunita' ta' Taħriġ għas-Segretarji Eżekuttivi fi Brussel 10/12 ta' Ġunju, 2010.

16. E-mail mingħand is-Sinjura Rizzo Naudi, fejn irringrazzjat lill-Kunsill peress li Triq ir-Rebbiegħa tlestiet, fejn ġiet imwieġba.

17. *Maltco Lotteries* infurmaw li ma jistgħux jagħtuna *sponsor* għal fuljett tal-Kunsill.

20. E-mail mingħand Camille dwar il-ktieb li kiteb fuq Ħal Għaxaq, li bħala preżentazzjoni ser issir fit-18 ta' Ġunju, 2010 fuq iz-zuntier tal-knisja.

23. Mingħand il-Familja Caruana ta' 135, Triq St.Marija, Għaxaq, fejn qed jitolbu sabiex titneħħa *letter box* mal-ħajt tar-residenza tagħhom. Il-Kunsill ma jsib ebda oġġezzjoni li titneħħa din il-*letter box*.

24. Mingħand is-Sur Zammit fir-rigward ta' għoti ta' tarmak fi Triq Ġdida fi Triq il-Belt Valletta. Il-Kunsill qabel li meta jkun ser jingħata il-konkos lejn in-naħa tat-Triq il-ġdida fi Triq il-Belt Valletta din tingħata t-tarmak ukoll.

25. Mill-Għaqda Mużikali Madonna tal-Ġilju fejn stieden is-Sindku u l-Kunsillieri għall-Programm Vokali u Strumentali fil-15 ta' Ġunju, 2010.

26. Mill-Kunsill Lokali Pembroke dwar il-Konferenza għas-Sindki ECAD li ser isir bejn it-23 u l-25 ta' Settembru, li ġej, flimkien mal-programm. Is-Sindku ser jattendi.

**<u>Korrispondenza li ntbagħatet mill-Kunsill :- ( Posta u e-mails)</u>:-**

a) Intbagħatet ittra lil kull min tefa' l-offerti, fejn infurmajnihom bir-riżultati ta' l-offerta rispettiva tagħhom u li aktar il-quddiem ninfurmawhom bid-deċiżjoni.

b) Infurmajna lill-Ispettur Mercieca dwar serq ta' bozoz fuq St.Rokku.

## 4. <u>Materji Finanzjarji</u>

*4.1.1* *Petty Cash*: Is-Segretarju elenkat infieq li sar mill-flus fl-idejn matul Mejju 2010 u li kienu jammontaw għal €30.77 Il-Viċi Sindku qara l-lista tan-nefqiet li saru u ressaq l-istess lista għal kummenti u l-approvazzjoni tal-membri tal-Kunsill.
Il-Kunsill qabel, wara li l-proposta kienet sekondata mill-Kunsillier Picco.

*4.1.2* *Skeda ta' Ħlas – Mejju 2010*: Is-Segretarju poġġiet fuq il-Mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Mejju 2010 u li jammontaw għal €21,954.36. Is-Sur Abdilla qara lista tal-pagamenti u wara ressaq l-approvazzjoni tal-Iskeda tal-Ħlas u ġie sekondat mill-Kunsillier Agius. Il-Kunsill qabel unanimament.

*4.1.3* *Approvazzjoni tar-Risposta tal-Management Letter*: Is-Sur Abdilla qal li fl-aħħar laqgħat kien ġie nfurmat il-Kunsill li l-Awdituri tal-Gvern kienu għamlu r-rimarki tagħhom u kien mistenni li nibgħatu risposta għal *Management Letter*. Hu qal li r-risposta tħejjiet mill-*Accountant* tal-Kunsill u qara l-kontenut qabel din l-istess risposta tintbagħat lill-Awditur Ġenerali tal-Gvern u d-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Il-Kunsilliera preżenti approvaw il-kontenut tal-ittra.

## 5. Infurzar tat-Traffiku f'Bir id-Deheb

Il-Viċi Sindku qal li qiegħed jiġi avviċinat minn residenti u ġirien fuq it-traffiku li qed ikun hemm ħdejn il-ħwienet tal-ikel li hemm Bir-id-Deheb. Is-sitwazzjoni qeda tkun intollerabbli speċjament fil-*weekend*. Is-Sur Abdilla żied jgħid ukoll li qiegħed ikun hemm parkeġġ fuq iż-żewġ naħat tat-triq tant li karozza ma tkunx tista' tgħaddi. Sar qbil li tintbagħat ittra biex gwardjan jibda jgħaddi mill-post fil-*weekend* biex isir kontroll jigu mgħarrfa wkoll il-Pulizija. Is-Sindku qal li jinħtieġ li nagħmlu appuntament mal-Pulizija tat-*traffic* u jsir rapport.

## 6. Tenders

a. ***Skips***: Il-Viċi Sindku qal li l-aħjar li l-Kunsill iqabbad persuna teknika biex jagħti parir lill-Kunsill fuq it-tenders ta' l-iskips u tal-ġbir ta' l-iskart. Wara li l-Kunsill jingħata l-parir, jinħatar bord ta' aġġudikazzjoni u dan jiddiskuti r-riżultat. Il-Kunsill qabel.

b. ***Photovoltaic Panels***: Il-Kumpanija *Econing* bagħatet ir-riżultat tat-*tenders* tal-panelli fotovoltaiċi u rrakomandat il-Kumpanija *Bajada International Solar System (option B)* bħala l-aħjar kumpanija li se toffri l-aħjar tipi ta' panelli li matul iż-żmien jrendu r-riżultat mistenni. Il-Viċi-Sindku qal li jekk il-Kunsill jaqbel li jieħu l-parir tal-*Engineer*, il-kumpanija Bajada tingħata t-*tender*. Il-Kunsill qabel.

## 7. SkolaSajf

Is-Sindku qal li għal darb'oħra jixtieq li l-Kunsill jorganizza SkolaSajf. Qal ukoll li n-nies ġejjin bi ħġarhom biex din tiġi organizzata, w għalhekk hu tkellem mas-Surmast ta' l-Iskola. Minħabba li se jinbidlu t-twieqi fil-klassijiet, SkolaSajf ser issir fis-Sala ta' l-Iskola. Il-Kunsill qabel.

## 8. LifeLong Learning Courses

Is-Sur Vassallo qal li ħarġet skema biex il-Kunsili jkunu jistgħu joffru korsijiet b'xejn tal-Malti u l-Ingliż u Matematika bażiċi. Dawn il-korsijiet joffrihom il-Kunsill lir-residenti b'xejn. Il-Gvern jibgħat l-għalliema b'xejn ukoll.

Il-Kunsill jista' wkoll joffri korsijiet oħra fejn l-għaliema wkoll jingħataw mill-Gvern iżda l-ispejjeż jinqasmu 50%. Il-Kunsill jista' jagħżel li joffri kwalunkwe kors u jgħarraf lid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni li jieħu ħsieb dawn il-korsijiet u jsiru l-arranġamenti meħtieġa. Il-Kunsill qabel li jintagħżlu korsijiet.

**9. Il-Grawnd**

Is-Sindku qal li l-Kunsill ingħata €10,000 biex isir il-Ġnien. Il-Perit għamel xi arranġamenti fil-pjanta w se jerġa' jressaqa l-MEPA għall-approvazzjoni. Kif din tiġi approvata jinħareġ *tender* biex jitkompla l-Ġnien jekk dan ma jsirx bin-nies tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel.

**10. Clerk Part-time**

Is-Segretarju qalet li ser isiru l-intervisti minn bord magħmul mis-Sindku, Viċi-Sindku u Kunsilliera Agius flimkien mas-Segretarju għal *part-time clerk.* Għal din il-vakanza kien hemm għaxar applikanti.

**11. Suġġerimenti mill-Kunsilliera**

1. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li s-Segretarju tiċċekja jekk hemmx *pack* tal-GO li jinkludi r-*reception* tat-televiżjoni.

2. Il-Kunsillier Attard ressaq ittra fejn fiha ndika li kien imsiefer meta kien assenti għal waħda mill-laqgħat li saret fit-22 ta' Marzu 2010. Il-Kunsill aċċetta din l-ittra.

3. Is-Sindku qal li jixtieq li jekk hu possibli jsir *lift* fil-bini tal-Kunsill. Is-Sur Vassallo qal li hemm skema li l-Kunsill jista' japplika għaliha w għalhekk ser jistaqsi l-Perit biex jara jekk hux possibli jsir *lift*. Qal ukoll li jekk ikun possibli tinbena sala fuq il-bini tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel.

4. Il-Kunsillier Picco qal li l-fuljett wasal fi stadju avvanzat u xtaq ikun jaf jekk kienx hemm xi rimarki li riedu jsiru. Ma kien ebda rimarki iżda is-Sur Abdilla offra li jagħmel *proof reading* tal-fuljett.

5. Is-Sur Attard staqsa jekk il-Kunsill hux interessat li jsir DVD dwar Ħal Għaxaq. Dan ikun jinkludi mil-bidu ta' din l-leġislatura, il-proġetti u postijiet ta' nteress. Il-Kunsill qabel li tinġieb stima.

6. Il-Kunsilliera Agius qalet li residenti fil-*Housing Estate* jixtiequ li Triq ir-Rebbiegħa issir *one way*. Is-Sindku qal li jekk ir-residenti jagħmlu petizzjoni li jridu din it-triq *one way*, il-Kunsill jagħmel talba lit-Transport Malta. Il-Kunsill qabel.

7. Is-Sindku qal li hemm il-ħtieġa li titranġa bankina fi Triq id-Dejl. Filwaqt li l-Kunsill qabel, il-Kunsillier Agius qalet li r-rampi ġew koroh fit-toroq il-ġodda.

8. Is-Sindku qal li fi Triq Kalamija hemm il-ħtieġa li issir bozza. Il-Kunsill qabel.

9. Is-Sinjura Agius qalet li waslila ilment li hemm persuna li qed tieħu l-ilma mil-funtana. Is-Sindku qal li dan mhux qed jagħmel ħsara u qed jieħdu biex isaqqi xi żewġ pjanti.

10. Il-Viċi-Sindku qal li hemm ħajt madwar plot fi Triq Birzebbugia li hu perikoluż ħafna. Qal ukoll li ma nħallux li jsir inċident bħal dak t'Għawdex biex nieħdu azzjoni.
    Is-Sindku qal li hu avviċina l-MEPA u skond din ta' l-aħħar dan il-ħajt qiegħed skond il-liġi. Żied jgħid li l-aħjar niktbu lill-MEPA u nżommuha responsabbli ta' x'inċident li jista' jinqala'. Il-Kunsill qabel.

11. Il-Viċi-Sindku qal li nhar il-Ħadd fil-festa ta' San Ġużepp avviċinawh nies u qalulu li nhar is-Sibt lejliet il-festa kien hemm żewġ persuni mil-każin ta San Ġużepp li avviċinaw lis-sidien tal-gabbani biex jagħtu donazzjoni ta €10 jew aktar. Żied jgħid li l-għar parti kienet li jekk dawn ma jagħtux donazzjoni s-Sindku ma jħalliehomx jarmaw. Il-Viċi-Sindku qal li mhux sewwa li dawn jinqdew fil-Kunsill biex issir pressjoni fuqhom.
    Is-Sindku qal li darb'oħra meta jiġu jagħmlu l-permess, fuqu niktbulhom li l-Kunsill ma jobbliga lill-ħadd li jagħti donazzjoni. Il-Kunsill qabel.

12. Is-Sindku qal li jeħtieġ li nagħmlu avviż għat-tappieri tal-festa. Hemm il-ħtieġa li jinxtraw 30 li jridu jkunu ta' 6 u 8 pulzieri. Il-Kunsill qabel.

**8. <u>Aġġornament</u>**

Is-Sindku fis.2.00pm aġġorna s-Seduta għal nhar it-Tnejn 5 ta' Lulju 2010.

| | |
|---|---|
| **Emanuel Vassallo** | **Therese Xuereb** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Ikkonfermati:- It-Tnejn 5 ta' Lulju 2010 fis-2.00pm